MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 417/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Angela Bonello (Id. 7390M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, seba u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€397.81) minghand il-konvenuta in konnessjoni ma servizz telefoniku bl-account numru 40094367. U minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fejn l-ammont pretiz gie ridott ghal mitejn, seba u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€297.81), stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas s-somma ta' mitjen, seba u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€297.81), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------